## Uffiċju Internazzjonali

***Minn:***

### *30. Deskrizzjoni, Kompetenzi u Dmirijiet*

*(sub-artikoli hekk kif jinsabu fl-istatut emendat mil-laqgħa ġenerali annwali tal-2019)*

### *31. Uffiċjal Internazzjonali u l-Koordinatur Internazzjonali*

*(sub-artikoli hekk kif jinsabu fl-istatut emendat mil-laqgħa ġenerali annwali tal-2019)*

***Għal:***

### *30. Deskrizzjoni, Kompetenzi u Dmirijiet*

30.1. L-Uffiċju Internazzjonali huwa ikkordinat mill-Uffiċjal Internazzjonali, li huwa elett direttament mill-istudenti u li għandu ifassal il-politika internazzjonali tal-Kunsill fuq il-bażi tal-ħidma politika tal-Kummissjoni Edukazzjoni u l-Kummissjoni Politika Soċjali. L-Uffiċjal u l-Koordinatur Internazzjonali b'mod konġunt, huwa responsabbli għar-rappreżentanza internazzjonali tal-KSU. Huwa wkoll responsabbli mal-Kummissarji u l-Koordinaturi tal-Kummissjoni Edukazzjoni u l-Kummissjoni Politika Soċjali, skond in-natura tal-każ, għall-bżonnijiet tal-istudenti barranin fl-Universita' ta' Malta u għandu jagħmel sforz biex jinvolvi l-istess studenti barranin

30.2. Għal dawn l-għanijiet, l-Uffiċjal Internazzjonali għandu:
30.2.1. B'konsultazzjoni u approvazzjoni tal-Kummissjonijiet (il-Kummissjoni Edukazzjoni u l-Kummissjoni Politika Soċjali), ifassal il-pożizzjoni tal-KSU dwar kwistjonijiet ta' politika internazzjonali;
30.2.2. Jirrappreżenta lill-KSU f'konferenzi u laqgħat nazzjonali u internazzjonali li għandhom x'jaqsmu mal-politika internazzjonali tal-KSU;
30.2.3. Jiġbor informazzjoni relatata mal-politika internazzjonali għall-użu tal-Kummissjonijiet;
30.2.4. Joħloq kampanji, proġetti u dibattiti sabiex jippromwovu l-politika internazzjonali tal-KSU;
30.2.5. Jara li l-KSU jkun irrappreżentat adegwatament fl-istrutturi universitarji, nazzjonali u internazzjonali li b'xi mod jew ieħor jaffettwaw id-dimensjoni internazzjonali tal-ħajja studenteska;
30.2.6. Iżomm kuntatt ma' għaqdiet universitarji u nazzjonali li għandhom element internazzjonali kif ukoll jikkoordinaw mal-istess għaqdiet f'avvenimenti u proġetti ta' natura internazzjonali;
30.2.7. Joħloq kampanji ta' għarfien fuq l-iskambji u opportunitajiet oħra internazzjonali li jistgħu jibbenefikaw minnhom l-istudenti universitarji;
30.2.8. Iżomm ruħu aġġornati mal-iżviluppi ta' kooperazzjoni internazzjonali bejn istituzzjonijiet ta' Edukazzjoni Ogħla;
30.2.9. Ikun responsabbli li jgħin fil-bżonnijiet tal-istudenti barranin fl-Universita' ta' Malta;
30.2.10. Li, permezz ta' koordinazzjoni u konsultazzjoni mal-Uffiċju Internazzjonali fi

30.2.11. Jikkontribwixxu bil-għan li jsaħħu l-isħubija tal-KSU fi ħdan l-ESU (*European Students' Union)*

### *31. Uffiċjal Internazzjonali*

31.1. Għall-fini tal-qadi tad-dmirijiet tiegħu, l-Uffiċjal Internazzjonali

31.1.1. Wara konsultazzjoni mal-President jinnomina persuna/i oħra sabiex jirrappreżentaw lill-KSU f'konferenzi jew laqgħat internazzjonali;

31.1.2. Fi kwistjonijiet ta' rappreżentanza f'dawn il-konferenzi jew laqgħat, l-Uffiċjal Internazzjonali għandu jaċċerta ruħu li l-KSU jkun irrappreżentat mill-iktar persuna kompetenti skond it-tema tal-konferenza jew laqgħa in kwistjoni;